MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Numru 144/2001

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Olaf Cini, iben Loris, imwieled Paola fis-17 ta' Iulju, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' ottubru, 2000, b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew fil-firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuni jew iġġib utli;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, għamel falsifikazzjoni jew b'tibdil fi skrittura privata jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-

atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, u fil-ġranet ta’ wara din id-data, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura privata falza;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 183, 184 u 187 tal-Kodiċi Kriminali.  Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi jidher li l-imputat irriforma ruħu u għalhekk mhemmx lok għal piena karċerarja. Tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elf u mitt euro (€1,100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------